MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 306/2009

**Middlesea Insurance plc (Reg. No. C-5553)**
**Vs**
**Christian Delia**
**u b'digriet ta' 12 t'Ottubru 2009 gew kjamati in kawza**
**Mark Mangion u Havilland Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici assikuratrici fis-somma t'elf, hames mija u hamsin ewro (€1,550.00) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni li jirrizultaw minn hsarat illi gew ikkagunati fil-vettura numru JBI-241 meta waqa' materjal ta' kostruzzjoni fuq din il-vettura waqt li kienet ipparkjata go Triq Nazju Ellul, Gzira fit- 13 ta' Gunju 2008 ghal liema hsara l-konvenut jew persuni inkarigati minnu huma unikament responsabbli u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt il-kawza.

Illi meta sehh l-incident il-propjeta' imsemmija kienet assikurata mas-socjeta' assikuratrici attrici u billi saret *claim*, l-assikurazzjoni kella tghamel tajjeb ghad-danni subiti mill-assikurat taghha.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal- ittra ufficjali datata 26 ta' Jannar, 2009 u tal-parir (€35.00) kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut, mid-data tan-notifika ta' din it-talba, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta tal-konvenut fejn ippremetta li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet: 1. illi l-konvenut mhux il-legittimu kuntradittur ghat-talba odjerna; 2. illi l-konvenut huwa sempliciment ko-propjetarju tal-fond *de quo* u l-kostruzzjoni tal-istess fond giet kkuntrattata lil terzi; 3. illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut huwa nfurmat illi l-incident kien wiehed kawzali u ma jirrizulta ebda negligenza; 4. salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Christopher Delia;

Sema' x-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici Rozdmakrishan Dhandomani, Paul Camilleri u Dr. Louis Bianchi

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll tal-kjamati in kawza.

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar id-9 ta' Mejju, 2011 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

**Ikkunsidra:**
Din it-talba tirrigwarda danni subiti fil-vettura JBI-241 propjeta' ta' Rozdmakrishan Dhandomani meta kienet ipparkjata fi Triq Nazju Ellul, Gzira bejn it-12 u t-13 ta'Gunju 2008. Il-vettura kienet assigurata ma' Bonnici Insurance Agency Limited, agenti tas-socjeta attrici

Middlesea Insurance Plc. It-tiswijiet thallsu mill-assikurazzjoni fis-somma ta' elf, hames mija u hamsin ewro (€1,550.00).

Il-kjamati in kawza m'ippresentawx risposta u lanqas ma gabu provi pero pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.

**Il-fatti**

Christopher Delia xehed illi huwa propjetarju flimkien ma' kumpanija kummercjali Havilland Limited u Mark Mangion[1] ta' blokk t'aparatamenti fi Triq Nazju Ellul, Gzira. Huma kienu nkarigaw lis-socjeta G&P Borg Limited sabiex isir xoghol ta' kostruzzjoni fuq dan il-blokk[2]. Dawn tal-ahhar kienu gew inkarigati jaghmlu x-xoghol tal-iskavar filwaqt illi AVF Limited kienu gew inkarigati biex jaghmlu il-*finishes*. Fiz-zmien tal-incident kienu kwazi lesti mill-kostruzzjoni u kienu bdew jaghmlu il-*finishes*. Ix-xhud iddikjara illi dawn is-socjetajiet kellhom *foreman* u hu stess kellu persuna li kien jisorvellja x-xoghol. Xehed illi kien gie jkellmu certu wiehed Mr. Mohnani u wrieh il-karozza tieghu li kellha hsarat fis-saqaf wara li dan kien allega li sar mis-sit tieghu li kien jinstab cirka mitt (100) pied 'il boghod.

L-assigurat Rozdmakrishan Dhandomani xehed illi wara li spicca x-xoghol fis-siegha ta'fil-ghodu ppaparkja l-vettura tieghu xi tlettin (30) pied 'il boghod mid-dar tieghu. L-ghada meta mar biex juza l-vettura skopra daqqa kbira fuq is-saqaf tal-vettura tieghu u cioe Toyota Vitz JBI-241. Ix-xhud ra li kien hemm haddiema xi tmenin (80) pied 'il boghod li kienu qeghdin joperaw *crane* ta' xi mitt (100) pied. Il-haddiema cahdu kull responsabilta'. Hu mar jaghmel rapport lill-pulizija u peress illi kien assikurat irrapporta l-incident lill-assikurazzjoni tieghu, Bonnici Insurers Agency Limited li kienu Agenti ta'Middlesea Insursance plc. Dawn kienu hallsu ghall-ispejjez tat-tiswija tal-vettura tieghu.

---

[1] Ara l-kuntratt t' akkwist Dok CD1
[2] Ara il-kuntratt tal-appalt dok CD2

Xehed Paul Camilleri, proprjetarju ta' Joe's Garage, stqarr li hu ghamel it-tiwsijiet fuq il-karozza. Hu ddikjara li kellu jaqla' s-saqaf kollu w jaghmel saqaf gdid. [3]

Xehed Dr. Louis Bianchi dwar id-diskrepanza fis-survey tal-*parts* u t-talba fl-avviz u l-ircevuti prodotti.

Fit-talba odjerna l-assikurazzjoni hadet passi kontra is-sidien tal-blokk ta' appartamenti (li huma il-konvenut u il-kjamati in kawza). Mill-provi, anke mill-istess xhieda tas-sid il-vettura, jirizulta li l-istess vettura kienet ipparkjata bejn tmenin (80) u mitt (100) pied 'il boghod mill-blokk t'appartamenti. Illi pero' mill-provi hareg ukoll li f'dak iz-zmien kien hemm *crane* li qieghed jigi operat fuq is-sit u skont is-socjeta attrici il-hsara saret mill-*crane*. Il-konvenut Christian Delia xehed illi dak iz-zmien ix-xogholijiet fuq is-sit kienu qieghdin jigu ezegwiti minn terzi appaltaturi.

It-Tribunal jaghmel riferenza ghall-artikolu 1031 tal-Kodici Civili, kapitlu 16, tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid illi f'azzjoni ghad-danni huwa principju baziku illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*

Huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza illi l-oneru tal-prova huwa ta' min qed jallega pero' huwa principju pacifiku ukoll illi il-grad ta' prova ta' min qed jallega f'kawza civili hija hafna inqas oneruza minn kawza kriminali,
*"... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."* (Giordamaina Medici Frank et v William Rizzo et, citazzjoni 984/1994/1NC, deciza fit-28 t'April 2004).

Ghalhekk il-kwistjoni hija jekk dan it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenut u l-kjamati in kawza huma

[3] Ara survey a fol 60

responsabbli ghall-hsarat ikkawzati fil-kawza odjerna w cioe' jekk il-grad probatorju rikjest mill-ligi gie sodisfatt mill-atturi. Il-provi li gabet is-socjeta' attrici huma essenzjalment li l-assigurat ipparkja l-vettura tieghu u meta hareg filghodu sab il-hsara fil-vettura u li tmenien jew mitt pied 'il boghod mill-vettura kien qed jigi operat *crane.* M'hemm xejn aktar. It-Tribunal jirrileva li dan mhuwiex bizejjed biex johloq certezza morali f'mohh il-gudikant biex jkun jista' jikkundanna il-konvenut u l-kjamat in kawza. Ghalhekk il-grad probatorju t'evidenza rikjest mill-ligi ma kienx sodisfatt ghal dak li jirrigwarda htija kolpuza da parti tal-konvenut u/jew il-kjamat in kawza.

F'kwalunkwe kaz, fiz-zmien meta sar l-incident kien hemm AVF Limited li kienet qed tezegwixxi xoghol t'appalt, skont ix-xhieda ta' Christian Delia. Ghalhekk anke jekk it-Tribunal sab illi l-provi migjuba kienu sufficjenti, jirileva li huwa tal-fehma li r-responsabilta' ghall-hsarat kagunati lil terzi mill-operat tal-appaltatur irid jirrispondi ghalih hu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' w jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet mqajma mill-konvenut u jichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut u l-kjamat in kawza.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------